MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Numru. 54/2010

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Raphael Falzon, iben Vincent, imwieled Pieta' fis-17 ta' Ġunju, 1950, Karta ta' l-Identita numru 532950(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-3 ta' Jannar, 2010 u fil-ġranet ta' qabel din id-data, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku u cioe' liċenza, tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAS 127, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella

billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe' liċenza tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAS 127;

3. talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, u ciioe' liċenza tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAS 127, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

4. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat u cioe' liċenza tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CAS 127;

5. talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer, kiser il-provvedimenti tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza tat-23 ta' Ottubru, 2008.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' April, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' disa' xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hem mil-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali. Rat is-sentenza tat-23 ta' Ottubru, 2008 u tordna li l-perjodu ta' sentejn jerġa jibda jiddekorri mill-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------